

32003D0460

21.6.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 154/114

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Ġunju 2003

dwar il-miżuri ta' emerġenza li jirrigwardaw il-bżar aħmar jaħraq (*chilli*) u l-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq

(notifikata fid-dokument numru Ċ(2003) 1970)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/460/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji u l-ħtiġiet ġenerali tal-liġijiet dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorit Ewropea tas-Sigurta "ta' l-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fil-materji tas-sigurta" fl-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 54 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 il-Kummissjoni trid tissospendi t-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' ikel jew tgħam li x'aktarx jikkostitwixxu riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, u tieħu kull miżura oħra xierqa *interim* meta dan ir-riskju ma jistax ikun ikkontenut b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri interessati.
- (2) Fid-9 ta' Mejju 2003, Franza bagħtet tagħrif permezz tas-sistema mgħagħġla ta' l-allert għall-ikel u t-tgħam li għandu x'jaqsam mal-kxif tal-kulur aħmar Sudaniż 1 fil-prodotti mill-bżar aħmar li joriġinaw fl-Indja. Ma teżisti l-ebda xhieda illi l-prodotti ta' oriġini Komunitarja huma involuti f'dawn is-sejbiet.
- (3) L-informazzjoni sperimentali disponibbli tindika illi l-aħmar Sudaniż 1 jista' "jkun karċinoġenu ġenotossiku. Għalhekk, mhux poassibbli li jiġi stabbilit teħid ta' kuljum tollerabbli. (3) L-aħmar Sudaniż 1 jista' wkoll jeżerċita effetti ta' sensittivit. Ġie wkoll ikklassifikat bħala karċinoġenu tal-kategorija 3 mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Riċerka dwar il-Kanċer (AIK).
- (4) Għalhekk is-sejbiet irrappurtati minn Franza jindikaw adulterazzjoni li tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa.
- (5) Fil-5 ta' Ġunju 2003, fid-dawl tal-kobor possibbli tal-problema, Franza adottat miżuri protettivi *interim* u għarrfet lill-Kummissjoni bihom.
- (6) Kif xieraq, il-Kummissjoni trid tqiegħed il-materja quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol tal-miżuri li ġew adottati minn Franza, bil-ħsieb għall-estenzjoni, l-emedja jew l-abrogazzjoni tal-miżuri protettivi nazzjonali *interim*.

- (7) Mogħtija l-gravit tat-tehdida għas-saħħa, huwa meħtieġ illi l-miżuri meħudin minn Franza jiġu estiżi għall-Komunit kollha. Barra minn hekk, għandu jitqies il-kummerċ potenzjali trijangolari, b'mod speċjali għall-prodotti li għalihom ma jeżisti l-ebda ċertifikat uffiċjali ta' l-oriġini. Sabiex tiġi mħarsa s-saħħa pubblika, huwa approprjat illi l-kunsinni tal-bżar aħmar jaħraq u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq importati fil-Komunit, tkun xi tkun il-għamla tagħhom u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpajati b'rapport analitiku pprovvdut mill-importatur jew l-operatur ta' negozju ta' l-ikel interessati li juri illi l-kunsinna ma fihix l-aħmar Sudaniż 1. Għall-istess raġuni, l-Istati Membri għandhom iwettqu teħid tal-kampjuni mingħajr għażla u analiżi tal-bżar aħmar jaħraq u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq fl-importazzjoni jew diġa fis-suq.

- (8) Huwa approprjat li tiġi ordnata l-qerda tal-bżar aħmar jaħraq adulterat u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq adulterati sabiex jiġi evitat id-dħul tagħhom fil-katina ta' l-ikel.
- (9) Ġaladarba l-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni għandhom impatt fuq ir-riżorsi tal-kontroll ta' l-Istati Membri, ir-riżultati ta' dawn il-miżuri għandhom jiġu vvalutati għal mill-inqas 12-il xahar sabiex jiġu smati jekk għadhomx meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika.
- (10) Din il-valutazzjoni għandha tqis ir-riżultati ta' l-analiżijiet kollha mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti.
- (11) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-bżar aħmar jaħraq u l-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq li ġejjin, tkun xi tkun il-għamla tagħhom u maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

— Il-frott tal-ġenu *Capsicum*, imninxxef u mfarrak jew mitħun li jidħol fil-kodċi tan-NM 0420 90.

⁽¹⁾ ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.

Artikolu 2

Il-kondizzjonijiet għall-impotazzjoni tal-bżar aħmar jaħraq u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-bżar aħmar jaħraq u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq iddefiniti l-Artikolu 1 għajr jekk rapport analitiku li jakkumpanja l-kunsinna juri illi l-prodott ma jkunx fih l-aħmar Sudaniż 1 (Nru tas-SAK 842-07-9).

2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jikkontrollaw illi kull kunsinna ta' bżar aħmar jaħraq u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq ippreżentati għall-importazzjoni trid tkun akkumpanjata minn rapport kif ipprovvdut fil-paragrafu 1.

3. Fin-nuqqas ta' rapport analitiku minn dan, l-importatur stabbilit fil-Komunit għandu jkun ittestja l-prodott sabiex juri li ma fihx aħmar Sudaniż 1. Sakemm ikun disponibbli r-rapport analitiku, il-podott għandu jinżamm taħt is-sorveljanza uffiċjali.

Artikolu 3

It-teħid tal-kampjuni u l-analiżi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprijati, inklużi t-teħid tal-kampjuni mingħajr għażla u l-analiżi tal-bżar aħmar jaħraq u tal-prodotti mill-bżar aħmar jaħraq ippreżentati għall-importazzjoni jew diġ fis-suq sabiex jivverifikaw in-nuqqas ta' l-aħmar Sudaniż 1. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bir-riżultati pożittivi (mhux favorevoli) permezz tas-sistema rapida ta' l-allert għall-ikel u t-tgħam. Ir-riżultati negattivi (favorevoli) għandhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' kull tliet xhur. Dan ir-rapport għandu jiġi ssottomess matul ix-xahar li liġi wara kull kwart tas-sena ⁽¹⁾.

2. Kull kunsinna ssoġġettata għat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi uffiċjali tista "tiġi miżmuma qabel il-ħruġ fis-suq għal perjodu massimu taż-żmien ta' 15-il jum tax-xogħol."

Artikolu 4

Il-qsim ta' kunsinna

Jekk kunsinna tiġi maqsuma, kopja attestata tar-rapport analitiku provvdut fl-Artikolu 2(1) għandha takkumpanja kull parti mill-kunsinna maqsuma.

Artikolu 5

Il-kunsinni adulterati

Il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1 li jinstabu li jkun fihom l-aħmar Sudaniż 1 għandhom jinqerdu.

Artikolu 6

L-irkupru ta' l-ispejjeż

Fejn għandhom x'jaqsmu l-Artikolu 2(1), (3) u l-Artikolu 5, l-ispejjeż li jirriżultaw mill-analiżi, il-ħażna u l-qerda eventwali għandhom jinġarru mill-impotaturi jew l-operaturi tan-negozji ta' l-ikel interessati.

Artikolu 7

Ir-reviżjoni tal-miżuri

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta l-iktar tard sal-20 ta' Ġunju 2004.

Artikolu 8

Id-destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ F'April, Lulju, Ottubru u Jannar.